**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

Rikors Ġuramentat: XX/XXXX/XX
Differita: XX/XX/XXXX

Wara l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru: XX/XXXX fl-ismijiet:

WC Limited

*vs*

MCC *et*

**Rikors ta' MCC (K.I. XXX) u MC (K.I. XXX)**

Jesponu bir-rispett,

Illi fl-XXX is-soċjeta WC Limited intavolat il-mandat t'inibizzjoni XX/XXXX fil-konfront tal-esponenti sabiex l-esponenti jiġu nibiti milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari id-dar bin-numru uffiċjali XX "XX" fi Triq il-XX, XX bl-arja u parzjalment sovraposta proprjeta' ta' terzi in kawtela ta' allegati danni sofferti mis-soċjeta WC Limited riżultat ta' mandat ta' sekwestru numru XX/XX intavolat mill-esponenti;

Illi l-mandat t'inibizzjoni XX/XXXX ġie akkordat provizzorjament u appuntat għas-seduta tad-XXX Fis-seduta tad-XX din il-Qorti diversament preseduta qieset li l-mandat hu ġustifikat u laqgħatu bl-ispejjeż kontra l-esponenti. Għal kull buon fini qed jiġi anness ma' dan ir-rikors vera kopja tal-mandat t'inibizzjoni XX/XXXX flimkien mal-atti preżentati fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni XX/XXX;

Illi s-soċjeta WC Limited naqset milli tintavola il-kawża għal jedd imsemmi fil-mandat t'inibizzjoni entro għoxrin jum mid-data li fiha ġiet akkolta t-talba skont l-Art. 843 tal-Kap. 12. In vista ta' tali nuqqas l-esponenti qed titlob li l-mandat t'inibizzjoni 203/2019 jiġi revokat għar-raġuni li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ kif ukoll mhuwiex ġustifikabbli skont l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12;

Illi fid-dawl ta' tali nuqqas l-esponenti jitolbu wkoll lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-soċjeta attriċi WC Limited tħallas penali ta' mhux inqas minn €X u mhux iżjed minn €X għar-raġuni li l-attriċi mingħajr raġuni valida ma ntavolatx il-kawża dwar il-jedd imsemmi fil-mandat t'inibizzjoni entro għoxrin jum;

Illi l-esponenti jagħmlu riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Cotswold Developments Limited u Bank of Valletta p.l.c. *vs* Raymond Aquilina" deċiża fis-27 ta' Mejju 2005. Dan l-appell huwa dwar penali imposta fuq kumpanija li ntavolat mandat t'inibizzjoni u naqset milli ssegwih b'kawża entro t-terminu ta' għoxrinjum. Il-Qorti tal-Appell spjegat:-

> Fil-fehma ta' din il-Qorti, li taqbel ma' dak li gie finalment iddekretat mill-ewwel Qorti, **darba li irrizulta li fil-fatt is-socjeta` Cotswold Developments Limited naqset milli taġixxi ulterjorment kontra l-appellat, wara li hadet il-briga li tottjeni mandat kawtelatorju kontrih, hija kellha tinkorri dawk il-penali kif titlob il-ligi.**

Illi l-Qorti tal-Appell kompliet tgħid li "l-agir tas-socjeta` appellanti [li ma segwietx b'kawża] kien wiehed tali li mhux biss *in ultima analisi* ivvessa lill-appellat inutilment imma ssarraf ukoll f'hafna telf ta' hin prezzjuż ta' l-istess Qorti li ġiet adita biex teżamina u tiddeċiedi l-imsemmija proċeduri". Fid-dawl ta' dan l-insenjament ikun ġustifikat li l-soċjeta attriċi WC Limited tiġi kkundannata tħallas dawk il-penali hekk kif stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;

Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tħassar u tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru XX/XXXX fl-ismijiet "WC Limited *vs* MCC *et*" ai termini tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lis-soċjeta WC Limited tħallas penali ta' mhux inqas minn €X u mhux iżjed minn €X ai termini tal-Art. 836(8) tal-Kap. 12;

U dan taħt dawk il-proveddimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: X
Notifika: Y